# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**DISTRETT QORMI**

**Pulizija**

**vs**

**Christopher Micallef**

**Illum, 29 ta' Ottubru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Christopher Micallef bil-karta tal-identità numru 453780M, li permezz tagħha ġie akkużat talli fit-12 ta' Novembru 2015, għall-ħabta ta' 19.00hrs ġewwa Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, volontarjament ħassar jew għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, u ċioè vettura numru KBO 051, tal-għamla MG, proprjetà ta' Gordon Sammut, u vettura CHD 022 tal-għamla BMW series, proprjetà ta' Anthony Scicluna, u vettura oħra RCS 200, tal-għamla Renault, proprjetà ta' Angela Delia u/jew persuni oħra, liema ħsara tammonta għal €900.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Dan il-każ jirrigwarda rapport li għamlu Franco Azzopardi u Paolo Azzopardi, li huma mekkaniks ġewwa Deżri Garage, fi Triq Il-Kaċċatur, Qormi, fejn dawn stqarrew li sabu l-vetturi msemmija fl-imputazzjoni, migrufa fil-ġnub tagħhom. WPS 91 Miriam Mangion xehdet fl-affidavit tagħha, li hija marret fuq il-post u vverifikat li kien hemm xi grif fuq tliet vetturi, liema ħsara tammonta għal €990.

F'din il-kawża, xehed Franco Azzopardi li fost oħrajn, spjega li huwa kellu xi karozzi li kienu għandu għat-tiswija, u xħin sar il-hin biex idaħħalhom lura ġewwa l-garaxx, sabhom migrufa, u għalhekk mar jagħmel rapport l-Għassa. Sostna li ġie identifikat l-imputat mill-filmati, li ġew ukoll eżebiti fl-atti ta' din il-kawża. Sostna wkoll li kien hu li ħallas biex irrimedja din il-ħsara. Ikkonferma li qabel mal-klijenti jħallu l-karozzi għandu, huwa jkun darhom biex jara jekk għandhomx xi ħsara.

Da parti tiegħu, l-imputat ċaħad li huwa b'xi mod, laqat xi vettura li kien hemm ipparkjata fit-triq.

Din il-Qorti, wara li fliet il-provi kollha prodotti, tqis li din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mill-Prosekuzzjoni. Dana għas-segwenti raġunijiet:

i. Mill-filmati eżebiti, ma jidhrux in-numri ta' reġistrazzjoni tal-vetturi, u lanqas il-kulur tal-vetturi, f'xi partijiet mill-filmati;

ii. Il-Prosekuzzjoni naqsu li jressqu lis-sidien ta' dawn it-tliet vetturi, biex jikkorraboraw li verament il-vetturi tagħhom kienu għand Franco Azzopardi, u li verament ma kellhomx grif jew xi ħsarat oħra tal-entità u gravità, li allegatament osserva Franco Azzopardi. Il-Qorti tqies li l-vetturi, allegatament kienu qegħdin ipparkjati fit-triq, u kienu karozzi li kienu jintużaw mis-sidien tagħhom (għaliex għalhekk ittieħdu għand Azzopardi għal xi tiswija). Per konsegwenza, kellha titressaq prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li dawn ma kellhom l-ebda ħsarat;

iii. Mill-filmat u mill-istills, din il-Qorti tirrileva li lanqas ma setgħet tikkonstata dak allegat minn Franco Azzopardi, u ċioè li l-imputat qed jidher jikkaġuna xi ħsarat lill-vettura tat-tip BMW. Il-Qorti rat il-filmat

li fih jidher l-imputat għaddej, inizjalment b'idu x-xellugija mdendla ma' ġenbu. Jidher qiegħed jerfa' tyre fuq spallejh, u b'idu l-leminija qed iżommu. Waqt li kien miexi, resaq qrib ta' vettura, idu l-leminija tidher li ġibidha ftit lura, u mbagħad tidher taħbat ma' vettura u tinġibed lura u terġa' taħbat ma' vettura. Imbagħad idu x-xellugija ġiet imtella' fejn it-tyre, u kompla jimxi iktar għan-nofs tat-triq. Jidher li din kienet manuvra li saret waqt li kien qed jimxi. Madanakollu, mill-filmat, la tidher l-għamla jew kulur tal-vettura, la n-numru ta' reġistrazzjoni, la jekk l-imputat effettivament girifx il-vettura, u lanqas jekk kellu xi ħaġa f'idu. L-istills lanqas jipprovdu r-risposti għal dawn il-kweżiti;

iv. Il-Prosekuzzjoni lanqas ressqet xi provi dwar l-invoices eżebiti bħala Dok R 2, 3, u 4. Fuq l-invoices, ma hemmx dettalji dwar il-vettura, ħlief għal Dok R 2, li jsemmi biss BMW, mingħajr ma hemm indikat in-numru ta' registrazzjoni. Għalhekk il-Prosekuzzjoni lanqas resqet provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, dwar l-allegata kwantum tad-danni. L-inqas ħaġa li setgħet għamlet il-Prosekuzzjoni, kienet li tressaq bħala xhud, il-persuna li ħareġ dawn l-invoices.

**Deċide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi tillibera lill-imputat minn kull ħtija, stante li l-imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**